# 40 sena mill-mewt tas-Surmast Hector Dalli 1980 – 2020





Minn Daniel Vella

Is-Surmast Hector H. Dalli twieled iż-Żejtun nhar it-18 ta' Ġunju tal-1914. Meta kellu għaxar snin beda l-istudju mużikali taħt id-direzzjoni ta' missieru, is-Surmast Giuseppe Maria Dalli, li kien l-Assistent Surmast tal-Banda Beland kif ukoll membru fil-kumitat direttiv għal bosta snin. Tliet snin wara, Hector ħareġ idoqq il-*flicorno* mal-istess banda. Sena wara l-kumitat ħatru bħala l-aktar bandist promettenti u ppremjah b'tazza tal-fidda.



*Is-Surmast Hector H. Dalli*

Aktar tard kompla l-istudju tiegħu fit-teorija, orkestrazzjoni u kompożizzjoni għand il-magħruf Surmast Ġużeppi Casapinta. Matul dan il-perjodu huwa ssokta wkoll fl-istudju prattiku tal-pjanu li wasslu biex jibda jdoqq il-pjanu waqt is-*silent cinema* fiż-Żejtun.

Sa danittant, missieru kien laħaq Surmast Direttur tal-banda l-ġdida 'Żejtun' u meta ra li kien matur biżżejjed ċedhielu t-treġija tal-banda, dan kien fi sena 1939. Aktar tard insibuh ukoll Surmast tal-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar u għal xi żmien ukoll Surmast Direttur tal-Banda San Ġużepp tal-Hamrun u La Stella tal-Gudja.

Fl-1945, laħaq Surmast tal-Banda 'Duke ofEdinburgh', illum il-Banda San Lawrenz tal-Birgu fejn dam sa mewtu. Fis-sena 1957, huwa dderieġa l-Banda Nazzjonali waqt programm li sar ġewwa *Radio City*, il-Ħamrun,. Is-sena 1955 rat ir-ritorn ta' Hector H. Dalli lura mal-banda ta' tfulitu, il-Banda Beland, din id-darba iżda bħala Surmast Direttur.






L-ewwel minn sensiela twila ta' marċi li kiteb kien bl-isem ***"Sweet Dreams.***

Ma' dawn inżidu wkoll il-marċi funebri sbieh tiegħu fosthom A MIA MADRE TEREZA u L-AHHAR NIFS.

Fl-aħħar snin ta' ħajtu, is-Surmast Dalli għaddiehom fil-

kompożizzjoni mużikali. Insemmu l-poema sinfonika *"Song for Anna"*, *"Preludio in Re Minore"*, *"Marcia Trionfale"*, **"Innu San Lawrenz"**, *Overture "Inaugural"* u s-*Suite* f'erba' movimenti u inċidentalment spiċċa jikkomponieha fl-aħħar ġranet ta' ħajtu.

Is-Surmast Hector H. Dalli kien kunċertista mill-aqwa u direttur kappaċi, huwa għadda għal ħajja ta' dejjem nhar l-1 ta' Novembru tal-1980 fl-età ta' 66 sena.

*(cd 2006)*

Ta minn isemi fi sena 2006 il-Banda Kristu Re harget cd ta' marċi tiegħu, 10 marci mill l-isbah li huma :

| | |
|---|---|
| OLGA | ORION |
| WANDERER | FRANKY |
| THE BLUE BAND | VIOLET |
| ANITA | TA' GRELLES |
| ILLUSTRIOUS | AVE MARIJA STELLA |

Dan recording tal-Banda Kristu Re sar taht treggija tal-Ex Surmast Archibald Mizzi.

Il-festa tajba hbieb tieghi


# FOUR T'S

*PASTIZZERIA • TAKE AWAY*



**Paola • Tel: 2166 6914**





**Triq it-Terħa, Għaxaq**

**Tel: 21822664**